**FIL-QORTI TAL-MINORENNI**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kevin Pulis)**

**(Spettur Gabriel Micallef)**

**v.**

**OMISSIS**

**Kumpilazzjoni Nru.: 426/2023 AC**

**Illum it-13 ta' Marzu, 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **OMISSIS**, ta' 17-il sena, iben **OMISSIS**, imwieled il-Pieta', nhar id-9 ta' Lulju 2005, u residenti ġewwa fond numru **OMISSIS** a u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru **OMISSIS**, li kien akkużat talli nhar it-30 ta' Mejju, 2023, għall-ħabta ta' 16:50hrs u/jew fil-ħinijiet ta' qabel u/jew wara, minn ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, attakkajt jew għamilt resistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC 64 Tonio Sultana, persuna inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita' kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inġurjajt, heddidt jew għamilt offiża fuq il-persuna ta' PC 64 Tonio Sultana, persuna inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżgħu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC 64 Tonio Sultana Edward Grech skond kif iċċertifikat minn Dr. Kyle Flores-Martin (Med Reg 3756) taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallewx jew fixklu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-Liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma' jkunux jaqgħu taħt disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur tal-għamla Renault bin-numru tar-reġistrazzjoni EBU 669 b'manjiera bla kont;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur tal-għamla Renault bin-numru tar-reġistrazzjoni EBU 669 b'manjiera traskurata;

7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur tal-għamla Renault bin-numru tar-reġistrazzjoni EBU 669 b'manjiera perikoluża;

8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq il-vettura ta' għamla Renault bin-numru tar-reġistrazzjoni EBU 669 mingħajr ma kellek liċenzja tas-sewqan;

9. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq vettura ta' għamla Renault bin-numru tar-reġistrazzjoni EBU 669 mingħajr ma kont kopert b'polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;

10. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, irrifjuta li jagħti jew ta il-partikularitajiet tiegħek foloz jew mhux sew lil uffiċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku meta dan talabhomlu waqt il-qadi ta' dmiru;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-Liġi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, kif stabbilit fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skont l-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku;

Rat li l-imputat tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Għassa presjeduta mill-Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil nhar l-1 ta' Ġunju 2023[1];

Rat li l-Uffiċjali Prosekuturi l-Ispettur Kevin Pulis u l-Ispettur Gabriel Micallef qraw u ħalfu l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat bil-ġurament fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2023[2];

Rat li wara li sar l-eżami mingħajr ġurament tal-imputat *ai termini* tal-Artikolu 370(4), l-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjoni kif dedotti fil-konfront tiegħu[3];

Rat li l-Qorti kif diversament presjeduta laqgħet it-talba tad-Difiża sabiex l-imputat jitpoġġa taħt Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2023[4];

---

[1] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 9 *et seq* tal-proċess
[2] Ara a fol 6 tal-proċess
[3] Ara a fol 8 tal-proċess
[4] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 9 *et seq* tal-proċess

Rat li waqt is-seduta tat-28 ta' Ġunju 2023[5], l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu;

Rat li l-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li l-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien f'dan l-istadju li l-istess Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu, *ai termini* tal-Artikolu 6(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li jsir *Pre-Sentencing Report* fir-rigward tal-imputat;

A rigward id-dettami tal-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tiddikjara li ma hemmx raġuni għalfejn għandha tiddubita l-ħtija tal-imputat u jekk ir-reati mertu ta' dawn il-proċeduri seħħewx minkejja d-dikjarazzjoni tiegħu li huwa ħati, u konsegwentement tqis li l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kienu sodisfaċentement ipprovati;

Rat li din il-Qorti laqgħet it-talba tal-imputat għall-Ħelsien mill-Arrest permezz ta' digriet datat it-28 ta' Ġunju 2023[6];

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri, senjatament is-segwenti:

1. Fedina Penali tal-imputat kif aġġornata fil-31 ta' Mejju 2023[7];

2. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat[8];

[5] Ara a fol 62 *et seq* tal-proċess
[6] Ara a fol 69 *et seq* tal-proċess
[7] Ara DOK KP1 a fol 3 tal-proċess
[8] Ara Dok KP2 a fol 4 tal-proċess

3. Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ ikun trattat bi proċedura sommarja[9];

4. Nota tas-*Senior Probation Officer* Antonella Debono datata t-12 ta' Ġunju 2023 sabiex tinforma lill-Qorti li kienet nominata l-*Probation Officer* Maria Mifsud sabiex issegwi lill-imputat fuq Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni[10];

5. Nota tal-*Probation Officer* Maria Mifsud datata l-14 ta' Ġunju 2023 rigward l-andament tal-imputat[11];

6. Liċenzja tas-sewqan ta' ċertu **Joseph Schembri**[12];

7. Vettura tal-għamla Renault Megane Dynamique A bin-numru tar-reġistrazzjoni EBU 669[13];

8. L-Istqarrija tal-imputat[14];

9. Ċertifikat Mediku maħruġ għal PC 64 Tonio Sultana[15];

10. Stills minn camera tas-sigurta' li jindika vettura tal-għamla Renault bin-numru tar-reġistrazzjoni EBU 669[16];

11. Rapport tal-NPS bir-referenza 1/POL/1835/2023[17];

12. Nota tal-*Probation Officer* Maria Mifsud datata s-27 ta' Ġunju 2023 rigward l-andament tal-imputat[18];

---

[9] Ara Dok KP3 a fol 5 tal-proċess
[10] Ara a fol 14 tal-proċess
[11] Ara a fol 15 *et seq* tal-proċess
[12] Ara Dok GMX1 a fol 23 tal-proċess
[13] Ara NPS Vehicle Details immarkati bħala Dok GMX2 a fol 24 *et seq* tal-proċess, esebita formalment fl-atti bħala K439/2022
[14] Ara Dok GMX3 a fol 23 *et seq* tal-proċess
[15] Ara Dok GMX4 a fol 31 tal-proċess
[16] Ara Dok GMX5 a fol 32 *et seq* tal-proċess
[17] Ara Dok AGS1 a fol 51 *et seq* tal-proċess
[18] Ara a fol 59 *et seq* tal-proċess

13. Nota tas-*Senior Probation Officer* Antonella Debono datata l-10 ta' Lulju 2023 li permezz tagħha infurmat lil din il-Qorti li kienet nominata l-*Probation Officer* Maria Mifsud sabiex tħejji *Pre-Sentencing Report* rigward l-imputat[19];

14. Nota tal-*Probation Officer* Maria Mifsud datata s-26 ta' Settembru 2023 dwar l-andament tal-imputat[20];

15. *Pre-Sentencing Report* imħejji mill-*Probation Officer* Maria Mifsud datat l-1 ta' Frar 2024[21];

16. Nota tal-*Probation Officer* Maria Mifsud datata d-19 ta' Ġunju 2024 dwar l-andament tal-imputat[22];

17. Nota tal-*Probation Officer* Maria Mifsud datata s-17 ta' Ottubru 2024 dwar l-andament tal-imputat[23];

18. Nota tal-*Probation Officer* Maria Mifsud datata d-9 ta' Jannar 2025 dwar l-andament tal-imputat[24];

Semgħet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u ċioe' lill-**Ispettur Gabriel Micallef**[25], **PC 64 Tonio Sultana**[26], **PC 469 Andrea Genuis Sciberras**[27], **PC 443 Chris Bonello**[28], **Il-*Probation Officer* Maria Mifsud**[29] u **l-*Probation Officer* Maria Mifsud in kontro-eżami**[30];

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2025;

Rat l-atti kollha tal-każ;

---

[19] Ara a fol 72 tal-proċess
[20] Ara a fol 73 *et seq* tal-proċess
[21] Ara Dok MM1 a fol 83 *et seq* tal-proċess
[22] Ara a fol 108 *et seq* tal-proċess
[23] Ara a fol 116 *et seq* tal-proċess
[24] Ara a fol 124 *et seq* tal-proċess
[25] Ara x-xhieda tiegħu fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023 a fol 18 *et seq* tal-proċess
[26] Ara x-xhieda tiegħu fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023 a fol 34 *et seq* tal-proċess
[27] Ara x-xhieda tiegħu fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023 a fol 41 *et seq* tal-proċess
[28] Ara x-xhieda tiegħu fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023 a fol 55 *et seq* tal-proċess
[29] Ara x-xhieda tagħha fis-seduta tal-1 ta' Frar 2024 a fol 82A *et seq* tal-proċess
[30] Ara x-xhieda tagħha fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2024 a fol 101 *et seq* tal-proċess

Rat li l-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi l-imputata kien mixli talli nhar it-30 ta' Mejju, 2023, għall-ħabta ta' 16:50hrs u/jew fil-ħinijiet ta' qabel u/jew wara, minn ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, attakkajt jew għamilt resistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC 64 Tonio Sultana, persuna inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita' kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inġurjajt, heddidt jew għamilt offiża fuq il-persuna ta' PC 64 Tonio Sultana, persuna inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżgħu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC 64 Tonio Sultana Edward Grech skond kif iċċertifikat minn Dr. Kyle Flores-Martin (Med Reg 3756) taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallewx jew fixklu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-Liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma' jkunux jaqgħu taħt disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur tal-għamla Renault bin-numru tar-reġistrazzjoni EBU 669 b'manjiera bla kont;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur tal-għamla Renault bin-numru tar-reġistrazzjoni EBU 669 b'manjiera traskurata;

7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur tal-għamla Renault bin-numru tar-reġistrazzjoni EBU 669 b'manjiera perikoluża;

8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq il-vettura ta' għamla Renault bin-numru tar-reġistrazzjoni EBU 669 mingħajr ma kellek liċenzja tas-sewqan;

9. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq vettura ta' għamla Renault bin-numru tar-reġistrazzjoni EBU 669 mingħajr ma kont kopert b'polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;

10. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, irrifjuta li jagħti jew ta il-partikularitajiet tiegħek foloz jew mhux sew lil uffiċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku meta dan talabhomlu waqt il-qadi ta' dmiru;

Minn kif intqal aktar 'il fuq, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet imsemmija, fejn wara li din il-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tad-dikjarazzjoni tiegħu, u wara li tagħtu ż-żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' mill-ammissjoni tiegħu, għażel li jikkonfermaha, u konsegwentement, din il-Qorti tqis li dawn l-imputazzjonijiet kienu sodisfaċentement ippruvati;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun inflitta, din il-Qorti ikkunsidrat il-fatturi segwenti:

1. L-ammissjoni tal-imputat saret fi stadju relattivament bikri ta' dawn il-proċeduri, li għaldaqstant jirrinkwadra ruħu f'dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali fis-sentenzi fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**[31] u **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**[32] [33], u ċioe' li jkun hemm lok għal tnaqqis fil-piena meta

[31] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997

[32] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002

[33] Ara wkoll f'dan is-sens Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024, paġni 15-17, Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor.

l-imputat jirreġistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri, li għaldaqstant jiffranka l-użu tal-ħin u riżorsi tal-Qorti għall-amministrazzjoni tal-Ġustizzja;

2. Li din l-ammissjoni saret b'mod liberu, u mingħajr ebda kundizzjoni u riżerva;

3. Il-Fedina Penali netta tal-imputat;

4. L-imputazzjonijiet infushom, li primarjament jittrattaw l-użu ta' vjolenza fil-konfront tal-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom, li fir-rigward ta' PC 64 Tonio Sultana rriżulta fi ġrieħi ta' natura ħafifa, nuqqas ta' ubbidjenza għall-ordnijiet tal-istess Pulizija, sewqan ta' vettura bla kont, b'manjiera traskurata u perikoluża, mingħajr liċenzja tas-sewqan u mingħajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji minn terzi persuni, kif l-għoti ta' dettalji foloz meta mitlubin mill-Pulizija, u l-portata ta' dawn l-imputazzjoni;

5. Li l-imputat għadu minorenni, u li għaldaqstant, minħabba l-eta' tiegħu, jikkwalifika għal tnaqqis fil-piena kif provdut fl-Artikolu 37(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Dak li jingħad fil-*Pre-Sentencing Report* u l-fatturi identifikati mill-*Probation Officer* Maria Mifsud, u ċioe' s-segwenti:

    a. Dak li jistqarr magħha l-vittma (PC 54 Tonio Sultana) sabiex l-imputat jitgħallem jobdi l-Ordnijiet sabiex ma jibqax ta' riskju għal terzi persuni;

    b. Il-Fedina Penali netta tal-imputat;

    c. Kien segwit minn *Probation Officer* fuq żewġ Ordnijiet Proviżorji ta' Superviżjoni, b'waħda minnhom tkun dik maħruġa f'dawn il-proċeduri f'Ġunju 2023, u oħra f'Settembru 2023 meta tressaq b'arrest dwar każ relatat mad-droga quddiem il-Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil;

---

Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, paġna 13-15, Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024, paġna 4

d. L-attendenza tal-imputat għal appuntamenti ffissati mill-*Probation Officer*, li mir-rapport jirriżulta li attenda għal għaxar appuntamenti, falla erbgħa, u ppospona tlieta;

e. Dak li jsostni l-imputat, li minkejja li jgħid li m'għandux problema tad-droga, jirriżulta li meta ddaħħal il-Ħabs l-ewwel darba f'Ġunju 2023 u ttieħed kampjun pożittiv għall-kokaina u l-kannabis, u f'Awwissu kellu tliet kampjuni oħra li rriżultaw fil-pożittiv għall-kokaina;

f. Li wara li ħareġ lil mill-Ħabs, ta ħames kampjuni negattivi għal sustanzi illeċiti, pero' minħabba dan l-abbuż ta' droga, kien riferut għall-programm ġewwa l-Ibwar, anke jekk skont l-imputat dawn kienu "***ħela ta' ħin***", u li "***M'għandix vizzju ta' kuljum u lanqas għadni nieħu d-drogi imma la hemm bżonn nagħmilha***"[34]

g. Dak li jintqal mill-Psikoterapista Claire Frendo mill-Ibwar, li tgħid li l-imputat attenda sessjoni waħda u falla erbgħa, u minħabba dan, ma tħallew ebda kampjuni tal-urina;

h. Dak sostnut mill-Aġenzija Sedqa, OASI, l-Isptar Monte Carmeli u SMOPU, u ċioe' li l-imputat qatt ma bbenifika mis-servizzi tagħhom;

i. Li rigward impjieg, l-imputat jgħid li fetaħ *car wash* ma' ħuh, iżda dan mhux xogħol reġistrat mal-*JobsPlus*, u għalhekk din l-informazzjoni ma setgħetx tkun verifikata;

j. A rigward il-familja, jirriżulta li l-imputat bata ħafna, u jidher li hemm jew kien hemm problemi ta' vizzji fil-familja tiegħu;

k. Li minn intervista mal-imputat, ma' ħuh Damian Ebejer u missieru Francis Ebejer, jirriżulta li huwa bniedem riżervat u ta' ftit kliem, u meta kien mistoqsi dwar dan, l-imputat jgħid li meta jkun imdejjaq jew irrabjat, tgħallem waħdu biex jikkalma;

[34] Ara a fol 89 tal-proċess

7. Dak li jingħad fil-*Pre-Sentencing Report* tal-*Probation Officer* Maria Mifsud fuq il-pjan ta' kura għall-imputat, u ċioe' li mill-analiżi tagħha hemm evidenza ta' użu tad-droga u għalhekk hemm bżonn li l-imputat jerġa' jagħmel kuntatt mas-servizzi tal-Ibwar biex jekk tkun identifikata problema ta' dipendenza tkun indirizzata, u tinnota wkoll li hemm bżonn li l-imputat jaħdem sabiex jirregola l-emozzjonijiet tiegħu;

8. Ir-rakkomandazzjoni tal-*Probation Officer* Maria Mifsud fil-*Pre-Sentencing Report* tagħha, u ċioe' li minkejja kien segwit fuq żewġ Ordnijiet Proviżorji ta' Superviżjoni l-imputat baqa' jippersisti bl-istess stil ta' ħajja, u ma kienx qiegħed jieħu l-għajnuna neċessarja sabiex jegħleb il-problema tad-droga, u għalhekk tenut kont il-kontenut tal-istess rapport, il-*Probation Officer* irrakkomandat piena karċerarja effettiva fil-konfront tal-imputat, liema pożizzjoni kienet ikkonfermata fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2024, iżda ddikjarat li kien sar progress da parti tal-imputat hekk kif jirriżulta min-nota tal-istess *Probation Officer* datata d-9 ta' Jannar 2025;

9. Dak li ntqal mill-Prosekuzzjoni waqt it-trattazzjoni finali fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2025, u ċioe' li ssuġġeriet piena ta' sentenza sospiża, għalkemm esprimiet l-inkwiet tagħha li l-imputat ma jutilizzax dan iċ-ċans sabiex jirriforma ruħu;

Tenut kont dawn il-fatturi kollha, din il-Qorti tqis li minkejja li l-imputat għamel kambjament f'dak li jirrigwarda koperazzjoni mad-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole*, jidher li l-imputat fil-frattemp ippersista bl-istil ta' ħajja li kellu qabel. In oltre, minkejja li fit-trattazzjoni tagħha l-Prosekuzzjoni ssuġġeriet piena ta' sentenza sospiża, esprimiet it-tħassib tagħha li l-imputat ma jużax iċ-ċans li tista' tagħtih din il-Qorti sabiex jirriforma ruħu. Madankollu, jissemma li l-imputat, apparti li għamel kambjament f'dak li jirrigwarda l-koperazzjoni tiegħu mad-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole*, fuq parir tal-*Probation Officer* ta l-kunsens tiegħu sabiex ikun segwit minn professjonisti psikoterapewtiċi u jitgħallem jiftaħ qalbu dwar il-problemi personali tiegħu. Għaldaqstant, abbażi ta' dawn l-iżviluppi da parti tal-imputat, tħoss li piena karċerarja effettiva mhux ser tkun waħda idoneja fiċ-ċirkostanzi, u temmen li għandu jingħata ċ-ċans li jirriforma ruħu u jibni lilu nnifsu, speċjalment meta wieħed jikkunsidra l-eta' tiegħu. Madankollu, din il-Qorti ma tistax ma tagħmilhiex ċara li n-natura tal-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat hija fil-fatt waħda serja, partikolarment ir-reati li ammetta li kkommetta fil-konfront

ta' membri tal-Korp tal-Pulizija, u tagħmilha ċara wkoll li l-imputat għandu jqis li dan huwa l-aħħar ċans li ser tagħtih sabiex jirriforma ruħu u jaqbad it-triq it-tajba, kif ukoll li f'ċirkostanzi oħrajn, din il-Qorti kellha s-setgħa li tkun aktar oneruża fuq kif tittratta mal-imputat;

**Decide:**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 31(1)(ċ), l-Artikolu 31(1)(f), l-Artikolu 37(2), l-Artikolu 95, l-Artikolu 96(a), l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 221(1), l-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 3(1)(a), l-Artikolu 3(1A) u l-Artikolu 3(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda, fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, **issib lill-imputat OMISSIS ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija, li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tkun sospiża għal perjodu ta' erba' snin mid-data ta' din is-sentenza;**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fissret lill-imputat, issa l-ħati **OMISSIS** bi kliem u sempliċi l-portata ta' din is-sentenza, inkluż ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet imposti minn din il-Qorti, u ċioe' li f'każ li jikkometti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, il-perjodu operattiv ma jibqax fis-seħħ, **u l-piena ta' priġunerija ta' sentejn imsemmija aktar 'il fuq issir waħda ta' priġunerija effettiva**;

*In oltre*, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'żieda mal-piena imposta, *stante* li hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa, u sabiex l-imputat, issa l-ħati **OMISSIS** jindirizza l-problema tiegħu ta' droga u jkompli jirċievi kwalunkwe trattament neċessarju għal problemi oħra psikoloġiċi li jistgħu ikunu konstatati mill-professjonisti inkarigati għal dan il-għan, qiegħda tordna li l-ħati **OMISSIS** jitpoġġa taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti għall-perjodu operattiv kollha ta' din is-sentenza sospiża, **u ċioe' għal żmien erba' snin mid-data ta' din is-sentenza**;

*In oltre, ai termini* tal-Artikolu 28G(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti fissret lill-ħati **OMISSIS** l-obbligi tiegħu taħt dan l-Artikolu, u ċioe' li għandu jibqa' f'kuntatt mal-uffiċjal sorveljanti skont dawk l-istruzzjonijiet li jista' minn żmien għal żmien jimponi fuqu dak l-uffiċjal;

*In oltre*, għal dan il-għan, *ai termini* tal-Artikolu 28G(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti qiegħda tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mad-digriet ta' Ordni ta' Superviżjoni hekk kif stipulat mill-Artikolu 28G(1) tal-istess Kapitolu, liema Ordni għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza, flimkien mad-digrieti kollha relattivi għall-istess sentenza, tkun komunikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*, sabiex jappunta uffiċjal sorveljanti li *ai termini* tal-Artikolu 28G(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu jkun *Probation Officer* sabiex jissorvelja lill-ħati **OMISSIS**, **u li l-istess *Probation Officer* għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti kull tliet (3) xhur dwar l-andament tal-ħati OMISSIS**;

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, b'żieda mal-piena stabbilita mil-Liġi *ai termini* tal-Artikolu 15(1)(a) tal-istess Kapitolu, kif ukoll a tenur tal-Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104, b'żieda mal-piena stabbilita mil-Liġi fl-Artikolu 3(2)(a) tal-istess Kapitolu, **qiegħda tiskwalifika lill-ħati OMISSIS milli jkollu jew milli jikseb il-liċenzja tas-sewqan għal żmien kumplessiv ta' sena mid-data li din is-sentenza tiġi *res judicata***;

Din il-Qorti, wara li reġgħet rat l-Artikolu 95 u l-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda, b'żieda mal-piena erogata aktar 'il fuq, b'applikazzjoni tal-Artikolu 37(2) u l-Artikolu 31(1)(f) tal-istess Kapitolu, **qiegħda tikkundanna lill-ħati OMISSIS għall-ħlas ta' ammenda fl-ammont massimu permess mill-Artikolu 13(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' ta' tmienja u ħamsin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23) għal kull waħda miż-żewġ imputazzjonijiet u għalhekk għas-somma komplessiva ta' mija u sittax-il Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€116.46)**;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* li ma kienu nominati ebda esperti fil-kors ta' dawn il-proċeduri, qiegħda tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni li tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba;

Il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja skenjata tal-atti proċesswali flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għall-istess tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali, u dan fiż-żmien stipulat fil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**